## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 30 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1527/00 AJD*

Alfsons Enterprises Ltd.

vs

Sean Curmi

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm242.21) rapprezentanti ammont bilancjali fuq xorb u minerali mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Awissu, 2000, tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2000, tal-mandat ta' qbid numru 2605/00 MM presentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-14 ta' Lulju, 2000, id-data tal-konsenja, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm242.21) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2000, u tal-mandat ta' qbid numru 2605/00 MM, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR